MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 02/8

It-Tnejn 08 ta' Lulju 2019

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88 Triq Raymond Caruana, il-Gudja fis-6.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Marija Sara Vella - Sindku
John Mary Calleja – Viċi Sindku
Mark Anthony Sammut – Kunsillier
Stefan Caruana – Kunsillier
Maria Micallef – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Nil

ASSENTI

Nil

UFFIĊJALI PREŻENTI:

Joseph M Formosa – Ufficjal li wkoll ngħata d-delega mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv Ranier Busuttil sabiex jaġixxi f'ismu waqt din il-laqgħa.

AĠENDA

002.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

002.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti (001/8 [01/7/19])

002.3 Responsabiltajiet assenjati lill-kunsilliera;

002.4 Komunikazzjoni mis-Sindku;

002.5 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

002.6 Rapporti;

002.7 Temi oħra tal-Kunsill Lokali;

a. Triq iż-Żebbuġa – progress
b. Triq J. Pace, Triq id-Dejqa u Triq Sta Katarina - progress
c. Miżura 4.3 – Triq tal-Lampat, Triq Victor Pasmore u l-area Ta' Loreto - progress
d. Ġnien Raymond Caruana – progress
e. Ġnien Ġlormu Cassar – progress

002.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

---------------------------------------------------------

# Minuti

## Tmexxija u ftuħ tal-laqgħa

Is-Sindku Sa Marija Sara Vella ppresidiet il-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fis-6.35pm wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

L-ewwel ġimgħa ta' Kunsill ġdid. Is-Sindku fetħet il-laqgħa billi qalet li din hija l-ewwel laqgħa tal-Kunsill il-ġdid u awgurat l-aqwa ħidma ta' suċċess b'risq il-komunità kollha tal-Gudja.

**002.1.0 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

002.1.1 Is-Sur Formosa informa lill-Kunsill illi s-Sur Ranier Busuttil kif kien informa lill-Kunsill qabel, ma setax jattendi għal din il-laqgħa u għalhekk ta d-delega lill-istess Sur JM Formosa sabiex jaġixxi f'ismu waqt din il-laqgħa. Il-Kunsill approva din id-delega.

**002.2.0 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti (001/8 [01/07/19])**

002.2.1 Dawn il-minuti ġew iċċirkulati qabel il-laqgħa tal-Kunsill u ġew meħuda bħala moqrija. Il-Kunsill b'mod unanimu approva dawn il-minuti 001/8.

**002.3.0 Responsabiltajiet assenjati lill-Kunsilliera**

002.3.1 Is-Sindku ppreżentat il-lista ta' dekasteri mqassma lil kull kunsillier. Saret diskussjoni. Is-Sur MA Sammut staqsa min se jieħu ħsieb il-ħasien tal-annimali u l-indafa. Saret diskussjoni u ġie deċiż illi l-ħarsien tal-annimali se jkunu f'idejn is-Sindku u l-indafa f'idejn il-Viċi Sindku. Lista ta' dawn id-dekasteri kif approvati tinsab annessa ma' dawn l-istess minuti mmarkata dok 'A'.

Il-Kunsill qabel illi din l-istess lista kif approvata tintbagħat lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

**002.4.0 Komunikazzjoni mis-Sindku**

002.4.1 Xogħol ta' Infrastructure Malta (IM) madwar il-Gudja. Is-Sindku għamlet referenza għal dawn ix-xogħlijiet li għalkemm qed isir dak kollu possibbli sabiex it-traffiku ma jkollux impatt fuq ir-residenti anke billi parti mix-xogħol isir il-Ħadd, qed jiġi nnutat li xi waqtiet qed jinħoloq xi inkonvenjent billi t-traffiku ma jkunx ikkontrollat kif meħtieġ. Il-Ħadd 07 ta' Lulju 2019 seta' kien hemm xi problemi (kaos) iżda dan kien għal ftit ħin u s-sitwazzjoni malajr ġiet taħt kontroll. Ġie nnutat li Triq R. Caruana saret two way u dan mingħajr ma l-Kunsill ġie infurmat minn qabel dwar dan.

Il-Kunsill qabel li jagħmel komunikat dwar dan sabiex dak li ġara ma jerġax jiġi ripetut.

Is-Sindku stqarret li dan huwa Kunsill ġdid u l-ebda awtorità mhu se tinjora lill-Kunsill tal-Gudja u li tal-bieraħ huwa fil-passat.

Is-Sindku qalet ukoll illi fi żmien qarib sejjer jiġi ffirmat kuntratt ma' IM dwar ix-xogħol taħt il-Miżura 4.3 – toroq qalb l-għelieqi.

002.4.2 Xogħol ta' tenders. Il-Kunsill qabel li tkompli l-proċedura u wara l-Kunsill ikun jista' jiddeċiedi skont kif ikun xieraq u meħtieġ.

002.4.3 Un/loading bay fi Triq Pietru Gagliardi, il-Gudja. Is-Sindku qalet li saret talba mis-Sur Bellia li qed imexxi l-kiosk fi Ġnien R. Caruana sabiex ikollu spazju sabiex itella' u jniżżel il-merkanzija fil-qrib tal-kiosk. Il-Kunsill qabel li jitlob lit-TM sabiex issir tabella ta' un/loading qrib il-kiosk kif ġej: mill-01 ta' Mejju sal-31 ta' Ottubru.

002.4.4 Un/loading bay f'ħinijiet diversi fi Triq W. Baker. Is-Sindku qalet li qed ikun hemm din it-talba. Saret diskussjoni. Il-Kunsill qabel li jikteb lit-TM sabiex jingħata parir dwar l-aħjar soluzzjoni f'dan ir-rigward.

Il-Kunsill qabel ukoll li jitlob parir tat-TM li peress li fix-xhur tas-sajf u f'diversi ħinijiet wara l-għeluq tal-iskola, il-kanċell tal-bitħa fi Triq W. Baker ma jkunx ta' użu, is-sinjal tan-no parking jiġi amendat kif meħtieġ u b'hekk ikun hemm ħin ta' parkeġġ.

002.4.5 Triq San Mark kantuniera mal-iskola primarja. Is-Sindku qalet li jidher li hemm il-ħtieġa li t-traffiku u l-parkeġġ jiġi amministrat aħjar. Saret diskussjoni. Il-Kunsill qabel li jitlob lit-TM sabiex isir eżerċizzju ta' mmaniġġjar tat-traffiku dwar dan u b'hekk il-Kunsill ikun jista' jaddotta l-parir tat-TM u jwettaq dak li jkun approvat mit-TM.

002.4.6 Parkeġġ fil-Gudja u l-madwar. Is-Sindku qalet li hemm il-ħtieġa li jsir Parking Scheduling madwar il-Gudja kollha sabiex kull spazju ta' possibilità ta' parkeġġ ikun utilizzat bl-aħjar mod possibbli. Saret diskussjoni. Il-Kunsill qabel li jitlob lit-TM sabiex kemm jista' jkun malajr tagħmel dan l-eżerċizzju ġewwa l-Gudja u fil-madwar u b'hekk il-Kunsill ikollu l-informazzjoni dwar l-ispazji ta' parkeġġi possibbli u disponibbli.

002.4.7 Kaxxa safra quddiem garaxx (li mhux qed jintuża bħala garaxx) fi Triq Bir Miftuħ, il-Gudja. Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li ġie nnutat li din il-kaxxa safra hija bla użu u għaldaqstant qed jiġi propost li l-Kunsill jikteb lit-TM dwar dan u b'hekk tinħoloq l-possibilità li jiżdied spazju ta' parkeġġ. Il-Kunsill qabel ma' dak li qalet is-Sindku.

002.4.8 Triq Kan. Dun P. Farrugia (mal-by pass). Is-Sindku qalet li hemm problema dwar it-traffiku peress li hemm 3 intersections flimkien. Saret diskussjoni. Il-Kunsill qabel li jikteb lit-TM u lill-IM għal pariri meħtieġa bil-għan li tinsab soluzzjoni għaliex dawn it-tliet partijiet tat-toroq qed joħolqu problemi kemm għal min ikun irid jidħol kif ukoll għal min ikun irid joħroġ minn dawn l-inħawi.

002.4.9 Dawl fuq iż-zebra crossing fit-tarf ta' Triq Bir Miftuħ li tieħu għal Dawret il-Gudja. Is-Sindku qalet li din iż-zebra cross hija bżonjuża u għandha tiġi mdawla sewwa. Il-Kunsill qabel li jinsisti mal-kuntrattur B. Grima & Sons sabiex jagħmel dak meħtieġ malajr kemm jista' jkun.

002.4.10 Kaxxi sofor fi Vjal it-Torri fil-kontrada tar-roundabout. Is-Sindku qalet li l-Kunsill qed jistħarreġ dwar dan u b'hekk jittieħdu l-passi neċessarji skont il-każ.

002.4.11 Triq Rużar Formosa. Is-Sindku stqarret li qed tirċievi diversi ilmenti li xogħol ta' lava qed jikkawża inċidenti billi n-nies qed jaqgħu minħabba xfarijiet bejn il-madum u hemm il-ħtieġa li jsiru tiswijiet meħtieġa. Saret diskussjoni u ġie

nnutat li dan ix-xogħol sar mill-kuntrattur imqabbad mit-TM u jagħti l-każ li l-istess kuntrattur għadu responsabbli għat-tiswijiet tagħha.

Il-Kunsill qabel li jitlob lill-IM sabiex isir dak meħtieġ u jitneħħa l-periklu u li dan ix-xogħol għandu jsir mingħajr dewmien speċjalment li minn din it-triq jgħaddu ħafna anzjani li xi wħud minnhom diġà waqgħu u weġġgħu.

002.4.12 Triq San Pawl – talba għal reserved parking. Is-Sindku ppreżentat it-talba kif komunikata mit-TM permezz ta' korrispondenza. Il-Kunsill qabel li ma għandux oġġezzjoni dwar dan il-parkeġġ għal persuni b'diżabilità.

002.4.13 Żewġ arbli fuq il-bankina fi Triq San Pawl. Is-Sindku qalet li issa peress li tlesta l-bini dawn l-arbli li kienu tpoġġew b'mod temporanju għandhom jinqalgħu. Il-Kunsill qabel li jikteb lill-Enemalta dwar dan u jitlob ukoll lit-TM sabiex terġa' tagħmel l-ispazji għall-parkeġġ kif meħtieġ.

002.4.14 Art fi Triq Kan Dun P. Farrugia li teħtieġ ilqugħ. Is-Sindku qalet li hija kienet sejra tikseb aktar tagħrif dwar is-sid sabiex meta jinstab jiġi mitlub itella' ċint meħtieġ skont il-liġi.

002.4.15 Indafa dwar il-housing estate tal-Mitħna. Is-Sindku qalet li għandu jkun hemm aktar infurzar sabiex isir il-knis xieraq u li dawn l-inħawi jinżammu fl-aħjar stat possibbli.

002.4.16 Xogħol ta' asfaltar fil-parti ta' Triq il-Lewż li tiżbokka fi Triq San Ċiru. Is-Sindku qalet li din il-parti tat-triq kienet ġa mwegħda lill-Kunsill preċedenti. Il-Kunsill qabel li jitlob lill-IM sabiex tagħmel din il-parti tat-triq bil-bankini kif meħtieġa kif ukoll lill-WSC sabiex isiru xogħlijiet ta' mains tal-ilma fuq iż-żewġ naħat tat-triq u b'hekk ir-residenti jkollhom servizz aħjar.

002.4.17 Triq il-Kbira (fil-parti d-dejqa). Is-Sindku ġibdet l-attenzjoni li għalkemm din il-parti tat-triq kienet saret one way except for residents, kien qed jiġi osservat li qed ikun hemm abbuż b'riskju kbir għar-residenti u għal kull min jiffrekwenta l-madwar. Saret diskussjoni. Il-Kunsill qabel li jitlob lil-LESA sabiex tagħmel aktar infurzar għal ħabta tas-7am kif ukoll għal ħabta tal-4pm meta t-traffiku jkun ħiereġ u dieħel minn barra l-Gudja.

002.4.18 Tabelli dwar diversi xogħlijiet maħsuba f'diversi toroq kemm urbani kif ukoll rurali. Is-Sindku qalet li hija ma kinitx tifhem l-iskop ta' dawn it-tabelli u għalhekk ħasset li għandhom jinqalgħu mill-aktar fiss possibbli peress li fil-preżent dawn ma jagħmlux sens. Saret diskussjoni. Il-Kunsill qabel li dawn it-tabelli għandhom jinqalgħu.

002.4.19 Dawl fi Triq il-Pluvieri. Is-Sindku qalet li l-Kunsill kien irċieva ilmenti li hemm xi bozoz tad-dawl maqtugħin. Il-Kunsill qabel li jinbidlu dawn il-bozoz u li jiġi assigurat li jkun hemm dawl addatat f'dawn l-inħawi.

002.4.20 Bozza ġdida fi Triq Birżebbuġa. Is-Sindku infurmat lill-Kunsill illi saret l-applikazzjoni għand l-Enemalta u wieħed jistenna li dan is-servizz ta' street lighting jingħata fi żmien li ġej.

002.4.21 Bring in sites / CCTVs. Is-Sindku ġibdet l-attenzjoni li dawn is-CCTVs huma ta' ħtieġa kbira iżda jidher li għalkemm saru diversi attentati speċjalment mal-GreenPak dawn għandhom ma kisbux ir-riżultat mixtieq. Il-Kunsill qed ikun kostrett jew li jkun hemm il-kameras jew li jneħħi l-iskips. Saret diskussjoni.

Il-Kunsill qabel li jkompli bl-almu tiegħu u li jitlob ukoll l-assistenza tal-LESA f'dan ir-rigward fiż-żamma tal-indafa speċjalment madwar il-bring in sites.

002.4.22 Ħarġa għal Għawdex bħala parti mill-programm ta' Jum il-Gudja. Is-Sindku infurmat li din il-ħarġa se ssir nhar il-Ħamis 11 ta' Lulju 2019. Is-Sindku qalet li hija x-xewqa tagħha li l-Kunsilliera kollha jieħdu sehem f'din l-okkażjoni u f'kull okkażjoni oħra li tkun imtella' mill-Kunsill.

002.4.23 Servizz ta' tuk tuk – trasport u servizz għall-anzjani. Is-Sindku qalet li dan huwa servizz utili u għalhekk il-Kunsill għandu jikseb aktar tagħrif u dwar fondi allokati dwar dan is-servizz.

002.4.24 Attività sportiva fl-inħawi Ta' Loreto. Is-Sindku qalet li l-organizzaturi talbu li l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni li jtellgħu din l-attività nhar il-Ġimgħa 26 ta' Lulju 2019 għal ħabta tas-7.30pm u li hija kienet sejra tattendi għal din l-attività.

Il-Kunsill qabel li ma jsibx l-ebda oġġezzjoni u li jagħti sostenn tiegħu kif għamel fi snin preċedenti.

Filwaqt li l-Kunsill jibgħat l-isbaħ xewqat għas-suċċess għal din l-okkażjoni, il-Kunsill jagħmilha ċara li ma għandu l-ebda responsabilità dwar dak li jista' jiġri u li għandha tiġi osservata l-liġi u li jkun hemm l-aktar ħarsien u sigurtà waqt din l-okkażjoni.

002.4.25 Yellow lines faċċata ta' dar bin-nru 67 Triq il-Lewż, il-Gudja. Is-Sindku qalet li dan ir-resident (anzjan) kien qed jitlob li jerġa' jsir is-sinjal isfar faċċata tad-dar tiegħu sabiex ikun jista' jdaħħal il-karozza fil-garaxx b'mod faċli.

Il-Kunsill qabel li peress li għad hemm il-ħtieġa li jsir it-tieni wiċċ ta' asfalt, dan is-sinjal kif mitlub għadu mhux possibbli iżda l-Kunsill għandu jitlob lit-TM sabiex tagħmel dan kif appena titlesta t-triq mit-tieni saff ta' asfalt.

002.4.26 Xiri ta' airconditions – fl-uffiċċju tal-Kunsill u fil-librerija. Is-Sindku qalet li hemm il-ħtieġa li jinxtraw dawn l-airconditioners. Il-Kunsill qabel u approva dwar dan skont il-proċedura stabbilità.

002.4.27 Bonġu Bus fil-Gudja. Is-Sindku infurmat lill-Kunsill illi l-organizzaturi talbu lill-Kunsill sabiex bejn nhar it-Tnejn 08 u l-Ħamis 11 ta' Lulju 2019 ikunu qed ixandru mill-Gudja. Is-Sindku qalet li dan ikun sens ta' promozzjoni għall-

Gudja. Il-Kunsill approva li jagħti s-sostenn meħtieġ sabiex din l-okkażjoni tkun ta' suċċess kif mixtieq.

Il-Kunsill qabel ukoll li għal din l-okkażjoni, is-Sindku tagħmel preżentazzjoni ta' ktieb Vol1 u Vol2 ta' 'Omm ta' Bosta Wlied'.

002.4.28 Ġbir ta' skart goff madwar il-Gudja. Is-Sindku qalet li wasal iż-żmien li toħroġ sejħa għal offerti ta' dan is-servizz kif ukoll kien ġie diskuss f'Kunsill ieħor preċedenti.

Saret diskussjoni dwar il-mod li qed jingħata dan is-servizz u dwar ir-riżorsi umani li qed jintużaw mill-Kunsill.

It-tema prinċipali kienet li dan is-servizz qed jingħata mill-Viċi Sindku (Sindku uxxenti) li għalkemm bla ħlas, il-Kunsill qed ikollu ħaddiema tal-Kunsill assenjati kważi l-ġimgħa kollha u b'hekk ix-xogħol l-ieħor tal-Kunsill qed jiġi traskurat. Jista' jkun ukoll li jkun hemm konflitt ta' interess.

Is-Sindku insistiet li kulħadd għandu jkun responsabbli ta' għemilu.

Il-Kunsill qabel illi fiċ-ċirkustanzi għandu jikseb parir mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar it-triq għal quddiem f'dan il-qasam u li l-ġranet tal-ġbir tal-iskart ikun limitat biss għat-Tlieta u l-Ġimgħa u l-iskart imur dirett il-WasteServ f'Ħal Far mingħajr ma jingħażel dan l-iskart miġbur.

002.4.29 Kuntratti dwar patching u xogħol ta' non urban fil-Gudja. Is-Sindku qalet li l-Kunsill għandu jipprepara sabiex joħroġ tenders għal dawn ix-xogħlijiet skont kif ikun meħtieġ.

002.4.30 Manutenzjoni tal-latrini pubbliċi fi Ġnien R. Caruana. Is-Sindku qalet li hemm il-ħtieġa li dawn il-latrini jiġu rranġati u miżmuma kif xieraq. Saret diskussjoni. Il-Kunsill qabel li tinsab persuna/persuni adattati li jagħmlu dan ix-xogħol u jinbidlu partijiet ta' fajjenza kif ikun meħtieġ.

Il-Kunsill qabel li dan ix-xogħol isir b'direct order u b'urġenza peress li dan il-ġnien huwa fl-aqwa tiegħu li jiġi frekwentat sew mir-residenti tal-Gudja u oħrajn.

Il-Kunsill qabel u approva li jsir ix-xogħol u l-ħlas relattiv kif ikun meħtieġ.

002.4.31 Proġett ta' Ġnien Ġlormu Cassar Tax-Xlejli. Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li dan ix-xogħol ta' riġenerazzjoni huwa maħsub li jibda fi żmien 6 xhur.

002.4.32 Siġra tal-ficus fi pjazzetta Qalb ta' Ġesù. Is-Sindku stqarret li kif kien diġà ġie deċiż f'Kunsill preċedenti din is-siġra flimkien ma' siġar oħra tal-ficus għandhom jinqalgħu u jitħawlu flokhom siġar indiġenti li ma jagħmlux ħsara iżda jżejnu l-ambjent.

002.4.33 Xiri ta' laptop għall-użu tal-Kunsill mis-Sindku. Is-Sindku qalet li sabiex ikollha x-xogħol tal-Kunsill fuq sistema elettronika waħda hija għandha bżonn li jinxtara laptop li jkun kompletament ddedikat għax-xogħol tal-Kunsill u li tkun tista' żżomm magħha f'waqtiet ta' laqgħat u xogħol barra mill-bini tal-Kunsill.

Il-Kunsill approva li jinxtara dan il-laptop b'mod urġenti u b'direct order u l-ispiża ma taqbiżx is-somma ta' €1,300.00.

002.4.34 Programm ta' Jum il-Gudja 2019. 15 ta' Lulju. Il-quddiesa se tkun fis-6.00pm. Wara jsir it-tqegħid tal-fjuri fuq il-Monument tal-Gwerra bl-akkompanjament tal-banda magħmula miż-żewġ każini tal-Gudja, Għaqda Mużikali Marija Assunta u Soċjetà Filarmonika La Stella. Wara jingħata bidu għal-Lejla Gudjana fejn Michela Pace aċċettat li tieħu sehem bil-prezz ta' €600.00.

**002.5.0 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

002.5.1 Il-mistoqsijiet ġew imwieġba taħt is-sezzjoni 'Rapporti' u f'partijiet oħra f'dawn l-istess minuti.

**002.6.0 Rapporti**

002.6.1 Mark Anthony Sammut (Kunsillier)

a. Is-Sur Sammut qal li huwa disponibbli li jgħin fil-ħidma tal-Kunsill fejn ikun meħtieġ speċjalment fil-qasam tal-edukazzjoni.

002.6.2 Stefan Caruana (Kunsillier)

a. Tappiera fi Triq Ħal Safi. Is-Sur Caruana qal li din it-tappiera tinsab bla rubber. Il-Viċi Sindku wieġeb li kien sejjer jirranġaha l-għada tal-laqgħa.

b. Sleeping policeman fi Triq iż-Żebbuġa. Is-Sur Caruana qal li peress li t-tneħħija ta' din is-sleeping policeman diġà ssemmiet xi tliet darbiet f'laqgħat preċedenti huwa kien jistenna li tittieħed azzjoni bla aktar dewmien.

c. Arbli li qed jostakolaw bankini fosthom tal-injam fi Vjal it-Torri, tal-Enemalta fi Triq iż-Żebbuġa, Triq San Ġorġ kantuniera ma' Triq il-Lewż, tal-injam fi Triq Bettina, 2 arbli li qed jostakolaw triq u bankina fi Triq San Pawl. Is-Sur Caruana qal li fil-fehma tiegħu l-Kunsill għandu jkun aktar viġilanti sabiex dawn l-arbli jitneħħew għaliex fil-fehma tiegħu ma għandhom ebda użu peress li l-bini tela' u l-wires jistgħu jmorru mal-bini u oħrajn lanqas biss hemm wires magħhom.

Il-Kunsill qabel li jittieħdu passi mal-entitajiet konċernati sabiex isir dak meħtieġ.

d. Problema tal-ħamiem madwar iċ-ċentru tar-raħal speċjalment pjazza, Triq San Ċiru u Triq Sta Katarina (fil-bidu, parti li tmiss ma' Triq San Ċiru). Is-Sur Caruana staqsa jekk kienx hemm xi progress. Saret diskussjoni. Il-Kunsill qabel li tintbagħat ittra lir-residenti tal-madwar sabiex ma jħallux ikel u kontenituri ta' ikel fl-inħawi għaliex jekk il-ħamiem isib jiekol u jixrob żgur li jerġa' lura fuq il-post. Il-Kunsill qabel li jinforma lil tas-Sanità dwar il-qagħda preżenti u jitlob l-għajnuna tiegħu f'dan il-każ.

e. Nuqqas ta' żamma fil-ġonna u softareas. Ġnien Ġlormu Cassar, Ġnien il-Ħelsien, pjazzetta Qalb ta' Ġesù, area fi Triq Bir Miftuħ u area Ta' Loreto. Is-Sur Caruana qal li għandha tingħata attenzjoni għal dawn l-inħawi msemmija.

   Is-Sindku qalet li fil-preżent il-Kunsill għadu bla kuntrattur tal-ġonna peress li l-ELC waqqfu ħabta u sabta. Is-Sindku qalet li fi żmien qrib li fil-preżent u għaż-żmien li ġej hemm programm ta' tindif, tisqija u ħart sabiex dawn l-inħawi u nħawi oħra jkunu ta' livell mixtieqa u dawn is-servizzi jinkisbu u jingħataw f'direct order minħabba l-urġenza.

f. Permessi sabiex isir kostruzzjoni madwar il-Gudja. Is-Sur Caruana staqsa kemm trid tapplika qabel persuna sabiex tingħata permess sabiex tingħalaq it-triq. Is-Sindku wieġbet li hemm proċeduri stabbiliti skont il-liġi kif ukoll imħaddma minn TM u kopja ta' dan se tiġi ppreżentat fil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill.

g. Tabella għal direzzjoni ċara għal karozzi tal-linja sejrin lejn il-pjazza kif tgħaddi quddiem Triq id-Dejqa. Is-Sur Caruana qal li qed jiġi li peress li xi xufiera ma jafux ir-rotta sewwa, jibqgħu deħlin lejn l-istatwa ta' Santa Marija u dan iġib problemi kbar.

   Is-Sur Caruana talab u l-Kunsill qabel li jagħmel tabella għal direzzjoni ċara għal karozzi tal-linja ġewwa l-pjazza għal Bus Terminus.

h. Żamma ta' pjanti fi Triq R. Caruana u pjazzetta Qalb ta' Ġesù. Is-Sur Caruana qal li hemm bżonn ta' aktar attenzjoni f'dan ir-rigward. Is-Sindku wieġbet li dan ix-xogħol sejjer jinbeda fil-ġimgħat li ġejjin.

i. Kameras mal-iskola primarja tal-Gudja. Is-Sur Caruana staqsa dwar l-progress dwar dan. Is-Sindku wieġbet li l-Kunsill qed jaħdem qatigħ dwar dan iżda sa issa hemm problemi loġistiċi kif ukoll dwar il-moniteraġġ mil-LESA jew u mill-Pulizija.

j. Periklu ġewwa Triq R. Formosa minħabba xi xogħol li seta' sar aħjar. Is-Sur Caruana qal li kien jaqbel li s-Sindku tagħmel pressjoni mal-IM u t-TM sabiex tinsab soluzzjoni immedjatament.

002.6.3 Maria Micallef (Kunsillier)

a. Sa. Micallef stqarret li sejra taħdem qatigħ dwar id-dekasteri tagħha u tieħu gost tinnota li Kunsilliera oħra lesti li jikkooperaw magħha f'dan il-qasam.

**002.7.0 Temi oħra tal-Kunsill Lokali**

002.7.1 Triq iż-Żebbuġa – progress. Din it-tema għadha qed tiġi diskussa.

002.7.2 Triq J. Pace, Triq id-Dejqa u Triq Sta Katarina – progress. Din it-tema qed tiġi diskussa.

002.7.3 Miżura 4.3 – Triq tal-Lampat, Triq Victor Pasmore u l-area Ta' Loreto- progress. Din it-tema qed tiġi diskussa u huwa mistenni li fi żmien qarib jiġi ffirmat il-kuntratt bejn il-Kunsill u l-IM dwar dawn ix-xogħlijiet.

002.7.4 Ġnien R. Caruana – progress. Il-Kunsill qed jiġbor l-informazzjoni dwar l-andament ta' dan il-proġett.

002.7.5 Ġnien Ġlormu Cassar – progress. Din it-tema diġà ġie diskussa aktar 'il fuq f'dawn l-istess minuti.

**002.8.0 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

002.8.1 Awguri f'għeluq snin il-Viċi Sindku s-Sur JM Calleja. Il-Kunsill b'mod unanimu xtaq l-isbaħ xewqat lis-Sur Calleja fil-jum ta' għeluq sninu fid-09 ta' Lulju.

002.8.2 Appell PA10613/18 – żvilupp fil-bidu ta' Triq R. Caruana. Is-Sindku qalet li hija kienet sejra tiltaqa' mal-iżviluppaturi ta' dan il-proġett u dan wara talba li saritilha mill-istess żviluppaturi sabiex jispjegaw aħjar il-ħsibijiet tagħhom dwar dan l-istess proġett.

Saret diskussjoni. Inġibdet l-attenzjoni lill-Kunsill sabiex il-Kunsill jimxi b'kawtela u ma jidħolx f'xi kunflitt. Is-Sindku wieġbet li hija kienet sejra tagħmel din il-laqgħa fuq talba tal-iżviluppaturi għaliex ġiet mitluba tagħmel dan mill-istess żviluppaturi. Hija kienet sejra tisma' x'għandhom xi jgħidu dawn l-iżviluppaturi dwar dan il-permess u li hija kienet sejra tirrapporta lill-Kunsill bl-eżitù ta' din l-istess laqgħa fil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill.

Is-Sindku fakkret li s-smiegħ tal-appell sejjer isir il-Ħamis 18 ta' Lulju 2019 fis-1.30pm u li l-Kunsill huwa assistit mill-Avukat Dr. Alessandro Lia li huwa avukat ta' kompetenza f'din il-materja.

002.8.3 Proġett ta' tindif u manutenzjoni. Is-Sindku qalet li hemm bżonn isir xogħlijiet ta' tindif u manutenzjoni kif meħtieġ peress li hija ħasra spazju tant imfittex jinsab f'din il-qagħda. Il-Kunsill qabel li jagħmel ix-xogħol meħtieġ minn kuntrattur b'direct order u li kemm jista' jkun ikun hemm l-assitenza tal-ħaddiema tal-Kunsill.

002.8.4 Peress li t-temi kollha fuq l-aġenda ġew eżawriti, is-Sindku għalqet il-laqgħa fid-8.50pm. Is-Sindku aġġornat l-laqgħa għal nhar it-Tlieta 06 ta' Awwissu 2019 fis-6.30pm fuq aġenda li tiġi ċċirkulata għand il-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa.

Konfermati, illum ________________________

Marija Sara Vella
Sindku

Ranier Busuttil
Aġent Segretarju Eżekuttiv